**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Kumpilazzjoni Nru. 1046/12**

**Illum, 14 ta' Marzu, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs.**

**Anthony Attard ta' 39 sena, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 6377(M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Anthony Attard li gie akkuzat talli:

1. fit-8 ta' Awissu 2012, gewwa l-LIDL Supermarket, Ghaxaq, ikkometta serq ta' Eur 4490 liema serq jeccedi l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erba u disghin centezmu u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna u li sar ghad-detriment tal-kumpanija LIDL Supermarket;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghom jew imexxihom.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma l-istess ammissjoni wara li nghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

It-tieni imputazzjonijiet ghandha tigi assorbita ma' l-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati l-imputat,

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 261(c)(d); 267,268, 279, 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed tqieghed lil hati taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa ma jobdiex l-ordni imposta fuqu illum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

Finalment il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**